FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 08 TA' GUNJU 2016

Il-Pulizija

Spettur Spiridione Zammit

vs

Stefan Desira

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 321082M akkuzat:

1. talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew naghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' talli fl-1 ta' Novembru 2014 ghal habta tad-9am, u/jew hinijiet wara mill-fond Melita PLC li jinsab fi Pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid, ikkometta serq ta' mobile ghamla Samsung Galaxy Fame Lite ghad-detriment ta Melita PLC u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-mezz;
2. talli fit-3 ta' Novembru 2014 ghal habta tal-10am, u/jew hinijiet wara mill-fond Melita PLC li jinsab fi Pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid, ikkometta serq ta' mobile ghamla Samsung Galaxy Fame Lite Midnight Black, ghad-detriment ta Melita PLC u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-mezz;
3. talli fis-6 ta' Novembru 2014 ghal habta tal-10.15am, u/jew hinijiet wara mill-fond Go Mobile li jinsab fi Pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid, ikkometta serq ta' mobile ghamla HTC Desire 301 ghad-detriment ta' Go Mobile u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-mezz;
4. talli fit-18 ta' Novembru 2014 ghal habta tal-09.15am, u/jew hinijiet wara mill-fond Go Mobile li jinsab fi Pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid, ikkometta serq ta' mobile ghamla Alcatel, ghad-detriment ta' Go Mobile u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-mezz;
5. talli fl-istess cirkostanzi u/jew zminijiet ohra f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq. jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom;

6. talli fix-xahar ta’ Novembru 2014 f’dawn il-Gzejjer ikkometta serq ta’ madwar €50, wallet, cashlink, identity card u/ jew oggetti ohra minn zewg vetturi liema ghamla u sidien taghhom mhux maghrufa u liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;
7. talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 moghtija lilu mill-Magistrati Dr A Micallef Trigona LL.D u mill-Magistrat Dr C Galea LL.D u b’hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 261(b)g, 18, 49, 50, 289, 263, 264, tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tiddeciedi: Tikkundannah 11 il-xahar prigunerija.

A.M. Trigona

Magistrat